MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2009

Numru. 1161/2009

Il-Pulizija
(Sp Arthur Mercieca)
vs
Angelo Abela, iben George, imwieled Pieta' fit-8 ta' Frar, 1972

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fil-31 ta' Ottubru, 2009 għal ħabta tal-5.30 p.m. ġewwa iż-Żejtun bil-ħsieb li jikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' ħuħ Robert Abela ta bidu għal esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi permezz ta' arma bil-ponta u li taqta', volontarjament ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' ħuħ Robert Abela skond kif

iċċertifika Dr. Maria Stella Caruana M.D. mill-Isptar Mater Dei;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi fiilwaqt li kien qed jagħmel reat kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari u ma ġabx prova xort'oħra li kien qed iġorr l-istess arma regolari bi skop leġittimu;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi żamm u ġarr arma li taqta' u bil-ponta mingħajr ma kellu liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija;
5. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi ħebb kontra l-persuna ta' Robert Abela sabiex jinġurjah, idejqu jew jagħmillu ħsara;
6. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi kiser il-paċi u l-ordni pubbliku b'għajjat u ġlied.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Novembru, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 41(1)(a), 216, 217, 221(1)(2), 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 6 u 51 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba' snin mil-lum. Minbarra dan, tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta' multa ta' €100 u tordna l-konfiska tas-sikkina eżebita favur il-Gvern ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------